Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,921, 9 ta' Settembru, 2022
Taqsima B

A.L. 224 tal-2022

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijet tal-artikolu 23 (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 23 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2022 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23 (Emenda Nru 2) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 364.12.

Jemenda l-artikolu 5 tal-ordni prinċipali.

2. It-tieni proviso għas-subartikolu (1) tal-artikolu 5 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "mit-30 ta' Settembru 2022," tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mit-30 ta' Ġunju 2023,"; u

(b) il-kliem "mill-31 ta' Ottubru 2022:" tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-31 ta' Lulju 2023:".